PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2008/0140(CNS)

13.2.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Monica Frassoni

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Dan il-proposta tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, sabiex ikollu effett fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali anki f' oqsma differenti ta' impjiegi. Hija tibbaża ruħa fuq id-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE e 2004/113/KE u tistabbilixxi livell minimu ugwali ta' ħarsien fl-Unjoni Ewropea għal persuni li jkunu vittmi tad-diskriminazzjoni.

Din l-opinjoni għandha biss l-għan li tkun ta' kjarifika u ma żżid xejn dwar is-sustanza tal-proposta ta' Direttiva. Madankollu, ir-rapporteur tqis li l-Artikolu 3(2) tal-proposta ta' Direttiva huwa problematiku, minħabba li jistabbilixxi li "d-direttiva attwali ma tibdel xejn fil-liġijiet nazzjonali dwar l-istat konjugali jew tal-familja u dwar ir-riproduzzjoni", peress li ma tagħtix definizzjoni ċara tal-limiti tal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja u nazzjonali. Barra minn hekk, it-terminu "drittijiet ta' riproduzzjoni" mhux xieraq. Il-Kumitat responsabbli talab l-opinjoni legali tal-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew fuq iż-żewġ kwistjonijiet imsemmija. L-opinjoni legali għadha qed titfassal. Ir-rapporteur se ssegwi b'attenzjoni kbira d-dibattitu li se jsir fil-Kumitat kompetenti f'dawn il-kwistjonijiet.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, *protezzjoni* tas-saħħa, edukazzjoni ***u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż akkomodazzjoni u trasport,*** għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi	(a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, *kura* tas-saħħa ***u*** edukazzjoni għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom.

kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom.

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex raġonevoli li kull miżura neċessarja fil-bini tkun prevista. B'mod partikolari, mhuwiex possibbli li wieħed jantiċipa liema miżuri se jkunu ta' piż sproporzjonat. F'dan ir-rigward l-Artikolu 4(1) ma jipprovdix sikurezza legali.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi, inkluż meta jikkunsidraw li huma xierqa proċeduri ta' konċiljazzjoni, għall-infurzar ta' obbligi skont din id-Direttiva, ikunu disponibbli għall-persuni kollha li jħossu li kien hemm nuqqas kontrihom fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali, anki wara li r-relazzjoni li fiha d-diskriminazzjoni hija allegata li saret tkun spiċċat.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċeduri ġudizzjarji u/jew amministrattivi, inkluż meta jikkunsidraw li huma xierqa proċeduri ta' konċiljazzjoni, għall-infurzar ta' obbligazzjonijiet skond din id-Direttiva, ikunu disponibbli ***b'mod effettiv*** għall-persuni kollha li jħossuhom li kien hemm nuqqas kontrihom fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali, anki wara li r-relazzjoni li fiha d-diskriminazzjoni hija allegata li saret tkun spiċċat.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ, jitpoġġew fl-attenzjoni tal-persuni kkonċernati permezz ta' mezzi adegwati fit-territorju kollu tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ, jitpoġġew fl-attenzjoni tal-persuni kkonċernati permezz ta' mezzi xierqa, ***inkluż permezz tal-internet***, fit-territorju tagħhom.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Korpi għall-Promozzjoni ta' Trattament Ugwali	
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. Dawn il-korpi jistgħu jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż drittijiet skond atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompetenzi ta' dawn il-korpi jinkludu:	
– bla ħsara għad-dritt ta' vittmi u assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra msemmija fl-Artikolu 7(2), li jipprovdu assistenza indipendenti għal vittmi ta' diskriminazzjoni biex jagħmlu l-ilmenti tagħhom rigward diskriminazzjoni,	
– li jagħmlu taħriġ indipendenti li jirrigwarda d-diskriminazzjoni,	
– pubblikazzjoni ta' rapporti indipendenti u provvediment ta' rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe argument li jirrigwarda din id-diskriminazzjoni.	

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tmur kontra l-prinċipju ta' sussidjarjetà. Huwa l-obbligu tal-Istati Membri li jieħdu miżuri li jippromwovu l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jistabilixxux entità li tieħu ħsieb il-promozzjoni tat-trattament ugwali u x'forma din tista' tieħu.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***u l-korpi ta' ugwaljanza nazzjonali*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn... jew kull ħames snin wara dan, l-informazzjoni kollha neċessarja għall-Kummissjoni sabiex tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.	1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn... jew kull ħames snin wara dan, l-informazzjoni kollha neċessarja għall-Kummissjoni sabiex tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tmur kontra l-prinċipju ta' sussidjarjetà. Huwa l-obbligu tal-Istati Membri li jieħdu miżuri li jippermettu l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Għaldaqstant, l-Istati Membri biss għandhom jgħaddu rapport lill-Kummissjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
Referenzi	COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 23.9.2008
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Monica Frassoni 22.9.2008
Eżami fil-kumitat	20.1.2009
Data tal-adozzjoni	12.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alin Lucian Antochi, Monica Frassoni, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Alain Lipietz, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Brian Crowley, Jean-Paul Gauzès, Kurt Lechner, Georgios Papastamkos